MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2007

Numru 252/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca**
**Spettur Carlo Ellul)**

**vs**

**Lawrence Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Lawrence Galea, 43 sena, iben Carmelo u Josephine nee' Pantalleresco, imwieled Vittoriosa fit-18 t'Awissu, 1961 u li joqghod Flat 5, Blokk B, Bini tal-Gvern, Triq Alexander, Hamrun, detentur ta' karta ta' l-identita' nru. 544661M gie

akkuzat talli fis-18 ta’ Marzu, 2005, ghall-habta tas-7p.m., gewwa Blokk B, Bini tal-Gvern, Triq Alexander, Hamrun:

1. hebb ghall-Gaetano Sultana u David Micallef w ikkagunalhom griehi ta’ natura hafifa bi strument li jaqta’ jew iniggez, skond kif iccertifika Dr. Michael Spiteri M.D. mill-isptar San Luqa;
2. fil-hin li kien qed jghamel delitt kontra l-persuna, u cioe’ ferriment fuq il-persuna ta’ Gaetano Sultana u David Micallef, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma jew imitazzjoni ta’ arma regolari.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta ta’ Lawrence Galea u David Micallef ai termini ta’ l-Artiklu 383 u 384 tal-Kap. 9.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. MJP1 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Dan il-kaz jirrigwarda glieda li sehhet gewwa Blokk B, Bini tal-Gvern, Triq Alexander, Hamrun fit-18 ta’ Marzu, 2005 ghall-habta tas-7.00pm, f’ liema glieda kien involut l-imputat Lawrence Galea u fejn xi persuni fosthom l-istess imputat soffrew griehi ta’ natura hafifa salv kumplikazzjonijiet.

Fl-ewwel lok il-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta’ David Micallef, moghtija fis-Seduta tal-15 ta’ Novembru, 2005, fejn dan ix-xhud, inter alia, qal:
“Jien imbaghad qbadt lill-imputat ghax kien qieghed fuq Gejtu Sultana. <u>L-imputat kien qieghed jaghti bil-ponn lil Gejtu Sultana.</u> Jien imbaghad qbadt lil Wenzu u hawnhekk qed nirreferi ghall-imputat minn wara biex jien nghollieh minn fuq Gaetano Sultana, l-imputat wegibni

hallini, hallini ghax ghandu sikkina u dan b'referenza li Gaetano Sultana kellu sikkina. Jien kif rajt hekk tlaqtu. Jien innutajt illi Gejtu Sultana kellu sikkina mohbija f'idu u nnutajt li l-imputat beda jzomm id Gaetano Sultana u precizament l-id li kien fiha s-sikkina. Jien imbaghad irnexxieli nahtaf is-sikkina minn idejn Gaetano Sultana u nofsha qbadtha minn fuq il-blade u nofsha minn fuq il-manku u fil-fatt spiccajt biex qtajt idejja. Jien bdejt nissara biex nehodha, imbaghad qlajtha minn idejn Gaetano Sultana u hadtha. Jien qlajtha bis- sahha. Fil-fatt ghaddejta minn ma' wicc l-imputat biex jien u naqla s-sikkina minn idejn Gaetano Sultana spiccajt illi jien ilqatt lili nnifsi f'saqajja bis-sikkina. Nghid illi fil-hin li jien bdejt nipprova niehu s-sikkina minghand Gaetano Sultana u spiccajt biex imbaghad gejt ferut f'sieqi nghid illi dak il-hin l-imputat kien qieghed izomm id Gaetano Sultana, Gaetano Sultana kien qieghed izomm il-manku tas-sikkina u jien kelli jdejja bejn ix-xafra u bejn il-manku ta' l-istess sikkina. Jien imbaghad inzilt isfel b'din is-sikkina u hallejt it-tnejn l-ohra fuq." (Sottolinjar tal-Qorti).

Hawn il-Qorti tosserva li fis-Seduta tat-13 ta' Gunju, 2005 Gaetano Sultana, bil-gurament iddikjara, wara li nghata twissija mill-Qorti skond il-Ligi li hu kien ghaddej proceduri kriminali rigwardanti incident li huwa mertu ukoll ta' din il-kawza u ghaldaqstant ghazel li ma jixhidx ghax seta' jinkrimina ruhu u dan kien qed jaghmel hekk f'dak l-istadju.

F'dan ir-rigward tosserva pero' li wara x-xhud Gaetano Sultana ma xehedtx f'din il-kawza.

F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghal brani mid-deposizzjoni tal-imputat Lawrence Galea moghtija fis-26 ta' Novembru, 2006 fejn l-imputat, inter alia, qal:
"Nghid Gaetano Sultana lili prova jattakani u lili beda jghidli inzel minn hemm ghax jaqbillek. U jiena meta rajt li binti kienet tiela' t-tarag jiena mort inzomm lil binti biex ma jinqalax iktar inkwiet. Jiena ma stajtx nifhem ghaliex Gaetano Sultana qalli biex ninzel hemmhekk ghaliex jiena hemmhekk kont qieghed fi hwejgi.

Nghid it-tifla ta' Gaetano Sultana, Nancy ghaddiet minn hdejja u jien ma missejtiex. U din imbaghad infexxet tiggieled ma binti. Nghid illi f'daqqa wahda Gaetano Sultana kellu xi oggett imgezwer f'idejh b'bicca caruta u din kienet l-id tal-lemin. U f'daqqa wahda beda jghajjat ghax sawtulu t-tifla u huwa kif fetah il-bieb tal-bejt huwa gie minn warajha u capcapli xi haga bhala daqqa fuq in-naha ta' wara ta' dahri. Jiena hassejt qisu hruq dak il-hin. Jiena mbaghad missejt idejja fejn kien qed jugghani u rajt illi jdejja kienu mcappsin bid-dmija. Jiena rvellajt, kif imbaghad jiena wara li tani din id-daqqa nnutajt illi dana Gaetano Sultana kien se jerga' lili jattakani u allura jien zammejtlu idu u nnutajt li dan kellu sikkina f'idejh.

Jiena qbadt ix-xafra tas-sikkina b'idejja stess, b'idejja tax-xellug u ahna bdejna nissaraw ma' xulxin. <u>U jiena bdejt intih bil-ponn b'idejja l-leminija.</u>"
". . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . ."
"Imbaghad nghid tela' David Micallef. David Micallef lili sabni naghti bil-ponn lil Gaetano Sultana. Nghid illi din il-glieda fejn jien kont qieghed noqghod naghti lil Gaetano Sultana kienet meta konna qeghdin targa l'isfel mill-bieb tal-bejt. U ghalhekk ma konniex qeghdin barra fuq il-bejt. David Micallef gie jipprova jferraqna. Huwa gie minn warajha u huwa beda jigbidni. Jien bdejt nghid lil David biex ma jigbidniex ghax kellu sikkina. U nghid kif ghidt dak il-hin is-sikkina kienet il-blade kont qieghed inzomma jiena f'idi, il-manku kien qieghed f'idejn Gaetano Sultana u dan ipprova johdilna minn idejna t-tnejn dik is-sikkina. Nixtieq nippreciza qabel ma tela' David u konna qeghdin nissaraw is-sikkina spiccat illi kif konna qeghdin nissaraw Gaetano Sultana laqatni bis-sikkina fuq sidri. Dana bil-piz tieghu ghaliex kif konna qeghdin nissaraw hu spicca illi laqatni bis-sikkina fuq sidri. <u>Jiena la Gejtu Sultana u lanqas David Micallef ma tajthom b'din is-sikkina. Jiena li ghamilt huwa li tajt bil-ponn lil Gejtu Sultana.</u>" (Sottolinjar tal-Qorti).

Rigward il-griehi sofferti minn Lawrence Galea, David Micallef u Gaetano Sultana li l-Qorti taghmel referenza ghad-dokumenti esebiti (kopji vera ta' certifikati medici)

rispettivament bhala Dok JPM1 (rigward Lawrence Galea), Dok JPM2 (rigward David Micallef) u Dok JPM3 (rigward Gaetano Sultana) u kif ukoll taghmel referenza ghall-kontenut tal-Verbal tas-Seduta tas-6 ta' Frar, 2006 fejn jirrigwarda l-imsemmija dokumenti.

Il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migjuba f'dan il-kaz u senjatament tenut kont is-suespost hi tal-fehma li rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat Lawrence Galea tali akkuza nkwantu li tirrigwarda l-hebb rigward il-parte civile Gaetano Sultana tirrizulta, pero' ma tirrizultax inkwantu li tirrigwarda l-hebb rigward il-parte civile David Micallef u nkwantu ghall-parti l-ohra ta' l-ewwel akkuza u cioe' li l-imputat ikkaguna griehi ta' natura hafifa bi strument li jaqta' jew iniggez, skond kif iccertifika Dr. Michael Spiteri M.D. mill-Isptar San Luqa ma tirrizultax kif dedotta u dan ghaliex il-Qorti thoss li nkwantu ghall-parte civile Gaetano Sultana il-griehi sofferti minnu u kagunati mill-imputat Lawrence Galea ma gewx kagunati mill-imputat Lawrence Galea bi strument li jaqta' jew iniggez kif indikat fl-imsemmija l-ewwel akkuza u nkwantu ghall-parte civile David Micallef, il-griehi sofferti minnu ma gewx kagunati mill-imputat. Pero' il-Qorti hi tal-fehma li nkwantu ghal din l-ewwel akkuza oltre is-sussistenza tal-akkuza tal-hebb rigward il-parte civile Gaetano Sultana, jirrizulta ukoll ir-reat minuri li l-imputat ikkaguna griehi ta' natura hafifa lil Gaetano Sultana biss liema reat minuri hu kompriz u nvolut fir-reat aktar gravi addebitat lill-imputat dwar kagunar ta' griehi ta' natura hafifa bi strument jaqta' jew iniggez. Dan ir-reat minuri hu kontemplat fl-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inkwantu ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat, il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza ma tirrizultax fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti thoss li ghandha tirrimarka li l-imputat dakinhar tal-akkadut messu ha t-triq tal-prudenza billi ma marx fuq il-bejt biex skond l-istess imputat bicca *hardboard* ta' Gejtu Sultana li kien gabilu l-imputat stess meta kienu ghadhom hbieb, l-imputat, peress li David Micallef riedha, tefghaha fuq il-bejt in-naha ta' David Micallef (Ara stqarrija tal-

imputat Dok MJP4) u dan meta l-imputat kien ben konsapevoli li s-sitwazzjoni kienet wahda ta' tensjoni. (Ara deposizzjoni tal-imputat Lawrence Galea moghtija fis-Seduta tal-20 ta' Novembru, 2006 u Stqarrija ta' l-istess imputat Dok MJP4).

Rat l-artikoli 339(1)(d) u 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib lill-imputat Lawrence Galea nkwantu ghall-ewwel akkuza mhux hati li hebb ghal David Micallef u li kkaguna lil Gaetano Sultana u David Micallef griehi ta' natura hafifa bi strument li jaqta' jew iniggez, skond kif iccertifika Dr. Michael Spiteri M.D. mill-Isptar San Luqa u minnhom tilliberah, issib pero' lill-imputat Lawrence Galea hati li hebb ghal Gaetano Sultana biss u tar-reat minuri li kkaguna griehi ta' natura hafifa lil Gaetano Sultana biss kontemplat fl-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tillibera lill-imputat Lawrence Galea taht il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Inkwantu ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Lawrence Galea ma ssibx lill-imsemmi imputat hati ta' din l-akkuza u minnha tilliberah.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Lawrence Galea b'obbligazzjoni personali ta' Lm100 li jzomm il-kwiet ma' Gaetano Sultana ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Lawrence Galea l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------